

— tordna li sa mhux iktar tard mit-12 ta' April 2019 (jew xi data oħra li għaliha jista' jiġi estiż l-perijodu tal-Artikolu 50 TFUE)

(a) il-Qorti Ġenerali tindirizza dak ir-rikors skont skeda u mod tali li tista' tagħti s-sentenza tagħha fuqha;

(b) bħala miżura provviżorja, il-Kummissjoni tagħti lir-Renju Unit opinjoni motivata filwaqt li tistabbilixxi l-pożizzjoni tagħha dwar il-ksur tad-dritt Ewropew li tista' tiġi dedotta mill-ittra tagħha lill-appellant tal-25 ta' Ottubru 2018;

— tordna li l-partijiet għandhom il-libertà li jagħmlu rikors lill-Qorti Ġenerali għal xi direzzjonijiet oħra kif xieraq;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż tal-appellant.

Aggravji u argumenti prinċipali

Insostenn tal-appell tiegħu, l-appellant iqajjem eċċezzjoni waħda:

Il-Qorti Ġenerali fid-digriet tagħha fil-25 ta' Marzu 2019 interpretat b'mod ħażin dak li r-rikorrent fittex bir-rikors tiegħu, iddeterminat b'mod żbaljat li ma għandu ebda *locus standi* biex jippreżenta r-rikors tiegħu u li ma għandha ebda ġurisdizzjoni biex tagħti d-digriet imfittex.

L-appellant ma talabx li l-Kummissjoni tressaq proċedimenti kontra r-Renju Unit. Qed jintalbu l-annullamenti ta' żewġ deċiżjonijiet tal-Kummissjoni, li waħda minnhom ġiet identifikata b'mod żbaljat mill-Qorti Ġenerali. Fir-rigward tagħhom, il-ġurisprudenza li bbażat fuqha l-Qorti Ġenerali jew ma ssostnietx il-proposta li għaliha hija kkwotata jew hija rrilevanti. L-appellant huwa intitolat ifittex l-annullament ta' dawk id-deċiżjonijiet sa fejn kienu indirizzati lilu u/jew huma ta' interess dirett u individwali għalih. Barra minn dan, sussidjament, l-appellant huwa intitolat ifittex digriet taħt l-Artikolu 265 TFUE fuq il-bażi li l-Kummissjoni naqqset milli taġixxi billi ma tatx opinjoni motivata lir-Renju Unit abbażi ta' obbligu mandatarju biex tagħmel hekk skont l-ewwel parti tal-Artikolu 258 TFUE minħabba l-aċċettazzjoni impliċita tagħha bit-tieni waħda minn dawk id-deċiżjonijiet biex tersaq biex tikkunsidra id-diskrezzjoni tagħha skont it-tieni parti tal-Artikolu 258 li r-Renju Unit kien qed jikser id-dritt Ewropew. Dan huwa abbażi tal-fatt li l-opinjoni motivata għandha tkun indirizzata wkoll lill-appellant u/jew tkun ta' interess dirett u individwali għalih. L-appellant huwa intitolat ukoll li jfittex digriet ta' inġunzjoni u miżuri provviżorji fir-rigward tar-rikors tiegħu abbażi tal-Artikolu 265 TFUE.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Krajský súd v Trnave (is-Slovakkja) fid-9 ta' April 2019 — RN vs Home Credit Slovakia a.s.

(Kawża C-290/19)

(2019/C 213/13)

Lingwa tal-kawża: is-Slovakk

Qorti tar-rinviju

Krajský súd v Trnave

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: RN

Konvenuta: Home Credit Slovakia a.s.

Domandi preliminari

L-Artikolu 10(1)(g) tad-Direttiva 2008/48/KE ⁽¹⁾ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 dwar ftehim ta' kreditu għall-konsumatur u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 87/102/KEE għandu jiġi interpretat fis-sens li jissodisfa r-rekwiżit previst fl-imsemmi artikolu, ftehim ta' kreditu għall-konsumaturi li jindika r-rata annwali effettiva totali mhux permezz ta' perċentwali speċifiku, iżda permezz ta' medda ta' bejn żewġ valuri (minimu-massimu)?

⁽¹⁾ ĠU 2008, L 133, p. 66.

Rikors ippreżentat fil-11 ta' April 2019 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika Ellenika

(Kawża C-298/19)

(2019/C 213/14)

Lingwa tal-kawża: Il-Grieg

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Konstantinidis u E. Manhaeve, aġenti)

Konvenuta: Ir-Repubblika Ellenika

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

- tiddikjara li r-Repubblika Ellenika, billi ma adottatx il-miżuri kollha neċessarji għall-eżekuzzjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-23 ta' April 2015, fil-Kawża C-149/14, Il-Kummissjoni vs Ir-Repubblika Ellenika ⁽¹⁾, naqset milli twettaq l-obbligi tagħha skont l-Artikolu 260(1) TFUE;
- tikkundanna lir-Repubblika Ellenika għall-ħlas tal-multa proposta, ekwivalenti għal EUR 23 753.25, għal kull jum ta' dewmien fl-eżekuzzjoni tas-sentenza mogħtija fil-Kawża C-149/14, mill-jum tal-għoti tas-sentenza fl-imsemmija kawża sal-jum li fih tkun għet eżegwita s-sentenza mogħtija fl-imsemmija kawża;
- tikkundanna lir-Repubblika Ellenika għall-ħlas ta' somma f'daqqa ta' kuljum ekwivalenti għal EUR 2 639.25, mill-jum tal-għoti tas-sentenza fil-Kawża C-149/14 sal-jum li fih tingħata s-sentenza f'din il-kawża jew sad-data li fih tkun għet eżegwita s-sentenza fil-Kawża C-149/14, jekk dan iseħħ f'data preċedenti u f'każ li l-imsemmija somma ma tkunx ikbar minn dan l-ammont, tikkundannaha għall-ħlas fil-forma ta' somma f'daqqa minima ta' EUR 1 310 000;
- tikkundanna lir-Repubblika Ellenika għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

1. Skont l-Artikolu 260(1) TFUE ir-Repubblika Ellenika hija obbligata tadotta il-miżuri neċessarji sabiex tikkonforma ruħha mas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-149/14. Madankollu, ir-Repubblika Ellenika ma adottatx il-miżuri neċessarji kollha sabiex tikkonforma ruħha mad-dispożittiv tal-imsemmija sentenza. B'mod partikolari, ir-Repubblika Ellenika ma stabbilixxietx programmi ta' azzjoni inkonnessjoni maż-żoni vulnerabbli ikkaratterizzati mill-preżenza ta' passaġġi ta' ilma